

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour administrative d'appel de Versailles (Franza)
fit-2 ta' Frar 2021 – JP vs Ministre de la Transition écologique, Premier ministre**

(Kawża C-61/21)

(2021/C 128/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour administrative d'appel de Versailles

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: JP

Konvenuti: Ministre de la Transition écologique, Premier ministre

Domandi preliminari

- 1) Ir-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 23 (1) tad-Direttiva 2008/50/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill] tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati bħala li jagħtu lill-individwi, fil-każ ta' ksur suffiċjement serju minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tal-obbligi li jirriżultaw minnha, dritt li jiksbu mingħand l-Istat Membru inkwistjoni kumpens għad-danni kkawżati lil saħħithom li għandhom rabta kawżali diretta u ċerta mad-degradazzjoni tal-kwalità tal-arja?
- 2) Jekk jitqies li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jistgħu effettivament jagħtu tali dritt għal kumpens tad-danni għas-saħħa, għal liema kundizzjonijiet huwa suġġett l-għoti ta' dan id-dritt, b'mod partikolari fir-rigward tad-data li fiha trid tiġi evalwata l-eżistenza tal-ksur attribwibbli lill-Istat Membru inkwistjoni?

⁽¹⁾ ĠU 2008, L 152, p. 1.

Appell ippreżentat fit-2 ta' Frar 2021 minn SGL Carbon SE mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla Estiża) fis-16 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża T-639/18, SGL Carbon SE vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-65/21 P)

(2021/C 128/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: SGL Carbon SE (rappreżentanti: P. Sellar, advocaat, K. Van Maldegem, avocat, M. Grunchard, avocate)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju ta' Spanja u L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali għall-eżami tagħha; u
- tirriżerva l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel aggravju bbażat fuq il-fatt li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-argument tal-appellanti li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ma jimplikax neċessarjament ukoll l-argument li l-Kummissjoni kisret l-obbligu li taġixxi b'mod diliġenti hija żbaljata bħala punt ta' liġi.